



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 23 ta' Mejju 2005

9147/05

PUBLIC 4

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL
APRIL 2005

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' l-atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'April 2005. Dan is-sommarju hija akkumpanjata, fl-**Anness II**, mid-dikjarazzjonijiet għall-minuti aċċessibbli għall-pubbliku. Isemmi wkoll il-voti kontra u l-astensjonijiet li seta' kien hemm, l-ispeġġi ta' vot, kif ukoll ir-regoli ta' vot.
- Fl-**Anness III**, sommarju ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill f'April 2005, b'tismija, jekk ikun il-każ, tar-riżultati tal-vot, l-ispeġġi tal-vot u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll aċċessibbli permezz tas-sit ta' l-Internet: (<http://ue.eu.int>), taħt "Dokumenti", "*Summary of Council Acts*".

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' l-atti leġislattivi li huma awtentiċi. L-estratti mill-mniti in kwistjoni jistgħu jinkisbu mis-servizz Trasparenza: ("transparency@consilium.eu.int").

¹ Ħlief għal ċerti atti ta' portata limitata bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' xi ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet tal-*budget* speċifiċi, eċċ.

APRIL 2005			
ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGI TAL-VOTI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2651 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-12 ta' April 2005 Regolament tal-Kunsill li jemenda l-listi tal-proċeduri dwar l-insolvenza, proċeduri ta' stralċ u likwidazzjoni fl-Annessi A, B u Ċ għar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar il-proċeduri ta' l-insolvenza Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali għall-promozzjoni ta' użu iżjed sigur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji <i>on-line</i> ġodda L-2653 laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITTIVITÀ – Suq Intern, Industrija, Riċerka) fit-18 ta' April 2005 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prattiki kummerċjali inġusti ta' l-intrapriżi fil-konfront tal-konsumaturi fis-suq intern u li temenda d-Direttiva 84/450/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/7/KE u 98/27/KE u 2002/65/KE u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2006/2004 ("Direttiva dwar il-prattiki kummerċjali inġusti")	5810/05 + COR 1 (lv) + COR 2 (fr) PE-CONS 3688/04 + ADD 1 (en) + ADD 2 (nl) PE-CONS 3616/05	26/05, 27/05, 28/05, 29/05, 30/05, 31/05, 32/05, 33/05	Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata Kontra DK, SE Maġġoranza kwalifikata

APRIL 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGI TAL-VOTI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 72/166/KEE, 84/5/KEE, 88/357/KEE u 90/232/KEE tal-Kunsill u d-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur	PE-CONS 3604/05	34/05, 35/05	Astensjoni DE, IT Maġġoranza kwalifikata
L-2657 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fis-26 ta' April 2005			
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1883/78 dwar ir-regoli ġenerali dwar il-finanzjament ta' l-intervenzjonijiet mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, sezzjoni "Garanzija"	7026/05 + COR 1 (it)	36/05	Astensjoni UK Kontra IT, SE Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi aġenzija Komunitarja għall-kontroll tas-sajd u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi arranġament ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni dwar is-sajd	7298/05 + COR 1 + COR 3 (da)	37/05, 38/05, 39/05, 40/05, 41/05	Maġġoranza kwalifikata

DIKJARAZZJONI 26/05**Dikjarazzjoni tar-Renju Unit, l-Olanda, il-Lussemburgu u l-Estonja**

“Ir-Renju Unit, l-Olanda, il-Lussemburgu u l-Estonja jaderixxu b’mod resolut għall-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku, li huwa għodda ta’ politika strateġika essenzjali għall-ikkompletar tas-suq intern. Huwa minħabba dan li jiddispijaċihom li l-prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini ġie soppress. Huma jieħdu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompatibilità neċessarja bejn il-proposta fil-forma preżenti tagħha u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Billi din hi Direttiva li tipprevedi armonizzazzjoni massima li t-trasposizzjoni tagħha mill-Istati Membri tippermetti l-implimentazzjoni b’mod ekwivalenti tal-prinċipji tagħha, wieħed jista’ fil-prinċipju jassumi li l-operaturi kummerċjali li jikkonformaw mal-liġijiet fl-Istati Membri fejn huma stabbiliti ma jkunux qed jiksru l-liġijiet ta’ Stati Membri oħrajn.

Dan il-prinċipju, li jeżisti *de facto*, għandu jiġi komunikat lill-operaturi ekonomiċi biex jagħtihom iċ-ċertezza legali u l-fiduċja meħtieġa biex jiksru b’mod sħiħ il-potenzjal tas-suq intern, bħalma hu mitlub mill-Konklużjonijiet tal-Presidenza fl-okkażjoni tal-Kunsill Ewropew li sar fi Brussel fil-25-26 ta’ Marzu 2004.”

DIKJARAZZJONI 27/05**Dikjarazzjoni tal-Portugall, l-Italja u s-Slovenja**

“Il-Portugall, l-Italja u s-Slovenja jinnotaw in-nuqqas ta’ definizzjoni stabbilita ta’ “konsumatur medju” u jikkonsidraw, b’konsegwenza għal dan, li t-test tal-premessa 18 jirreferi għal wieħed minn numru ta’ parametri ta’ “konsumatur medju” li joħorġu mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.”

DIKJARAZZJONI 28/05

Dikjarazzjoni tad-Danimarka u l-Isvezja

B'mod ġenerali, id-Danimarka u l-Isvezja jqisu li l-proposta ta' Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti ser twassal għall-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati b'mod sħiħ dwar il-prattiki kummerċjali fil-Komunità, u b'hekk għal titjib ġenerali tal-protezzjoni tal-konsumatur għall-benefiċċju kemm tal-konsumaturi kif ukoll ta' l-intrapriżi attivi fis-suq intern.

Madankollu, id-Danimarka u l-Isvezja jqisu li d-Direttiva proposta x'aktarx ikollha impatt negattiv fuq il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur f'ċerti oqsma speċifiċi fejn l-Statu Membri diġà implimentaw leġislazzjoni nazzjoni iktar stretta mir-regoli li hemm fid-Direttivi minimi fis-seħħ fil-qasam tal-konsumatur.

Huwa permezz ta' reviżjoni ta' dawn id-Direttivi, u mhux permezz tad-Direttiva proposta, li dawn id-disposizzjonijiet minimi għandhom jiġu emendati. Id-deroga proposta fl-Artikolu 3(5)(a) ma tiggarrantix li d-Direttivi minimi eżistenti ser jiġu armonizzati f'livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumatur qabel ma jiskadi l-perijodu propost ta' ħames snin.

Għal dawn ir-raġunijiet, id-Danimarka u l-Isvezja ma jistgħux jappoġġaw il-proposta għal Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti.”

DIKJARAZZJONI 29/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni tista' biss taqbel mat-tħassir ta' l-Artikolu 4(1) kemm il-darba din id-Direttiva tipprevedi armonizzazzjoni sħiħa għall-qasam kopert minnha u li, għal dik ir-raġuni l-Artikolu 4(1) ma jkunx meħtieġ iktar min-naħa legali biex jiżgura il-funzjonament tajjeb tas-suq intern f'dan il-qasam. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi segwita b'mod attiv mill-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha.”

DIKJARAZZJONI 30/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni ma taqbel xejn mad-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Portugall, l-Italja u s-Slovenja.”

DIKJARAZZJONI 31/05

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

“L-emendi għall-pożizzjoni komuni li ġew adottati mill-Parlament Ewropew huma b’mod ġenerali aċċettabbli għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Madankollu, l-emendi li jikkonċernaw il-premessa 17 u l-Artikolu 5(5), jeħtieġu l-osservazzjonijiet li ġejjin.

Skond l-Artikolu 249, it-tielet subparagrafu, tat-Trattat tal-KE, id-Direttiva torbot lil kull Stat Membru destinatarju kemm f’dak li għandu x’jaqsam mar-riżultat li għandu jinkiseb, filwaqt li tħalli għall-awtoritajiet nazzjonali l-kompetenza fir-rigward tal-forma u l-mezzi. B’konsegwenza, il-Ġermanja tassumi li dan il-prinċipju, b’mod indipendenti mill-emendi adottati mill-Parlament Ewropew, jiswa wkoll għall-Anness I. Il-Ġermanja għalhekk ma tinterpretax id-disposizzjonijiet fis-sens li d-Direttiva tobbliga lil-leġislatur nazzjonali biex jinkludi l-kontenut ta’ l-Anness kif inhu.”

DIKJARAZZJONI 32/05

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

“L-emendi għall-pożizzjoni komuni li ġew adottati mill-Parlament Ewropew huma b’mod ġenerali aċċettabbli għar-Repubblika ta’ l-Awstrija.

Il-kliem ta’ l-emenda 19 dwar l-Anness I, punt (28), it-tieni subparagrafu (dok. 6618/05) madankollu jista’ jwassal għal konfużjoni u għandu jiġi preċiżat. Fil-fatt, huwa jaġhti l-impressjoni li hemm awtomatikament Prattika kummerċjali inġusta ladarba l-konsumatur għandu jidħol għal spiża, tkun xi tkun, biex ikun jista’ jistenna li jirbaħ il-premju.

Żgur li din mhix l-intenzjoni ta’ din id-disposizzjoni minħabba li, anki fil-qafas ta’ logħob serju bi premjijiet, il-kartolina postali li għandha tintbagħat jew it-telefonata li għandha ssir biex jingħata l-premju jirriżulta fi spejjeż għall-konsumatur. Barra min hekk, huwa diffiċli li wieħed jimmaġina li l-intrapriża tassumi responsabbiltà għall-ammont eżatt ta’ dawn l-ispejjeż. L-ispejjeż ta’ pustaġġ u tat-telefon bir-rata normali (jiġifieri li l-ispejjeż ta’ pustaġġ u tat-telefon kif ukoll l-ispejjeż ta’ l-email jew ta’ l-SMS li ma jaqbżux dik ir-rata) m’għandhomx jiġu kkunsidrati bħala Prattiki kummerċjali inġusti.

B’konsegwenza, din id-disposizzjoni għandha tiġi interpretata bħala li teskludi l-ispejjeż ta’ pustaġġ, tat-telefon, eċċ. bir-rata normali.”

DIKJARAZZJONI 33/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni ma taqbilx ma’ l-opinjoni espressa mill-Ġermanja fid-dikjarazzjoni tagħha dwar l-Anness I għad-Direttiva.”

DIKJARAZZJONI 34/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Karrijiet

“Il-Kummissjoni hija lesta li teżamina l-problemi speċifiċi fil-qasam ta’ l-assigurazzjoni f’dak li jikkonċerna t-*trailers*, fil-qafas tar-rapport li għandha tippreżenta qabel l-20 ta’ Lulju 2005 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 6 tar-Raba Direttiva dwar l-assigurazzjoni ta’ vetturi bil-mutur (2000/26/KE).”

DIKJARAZZJONI 35/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Spejjeż legali

“Il-Kummissjoni tqis l-konsumaturi jibbenefikaw jekk ikunu żviluppati l-possibbiltajiet biex ikollhom assigurazzjoni li tkopri l-ispejjeż legali neċessarji u utli li jirriżultaw minn inċidenti li fihom huma involuti vetturi bil-mutur fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ser teżamina l-provvista attwali ta’ kuntratti ta’ assigurazzjoni volontarja għal spejjeż legali kif ukoll l-effett li din il-kopertura jkollha fuq il-prezz ta’ *premiums* għall-assigurati fl-Istati Membri, u ser tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kemm jista’ jkun malajr.”

DIKJARAZZJONI 36/05

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

“Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li l-infiq ikkonċernat minn dan ir-Regolament mhux ta’ daqs li jista’, waħdu, joħloq il-ħtieġa ta’ SAB għall-eżerċizzju 2005.”

Dikjarazzjoni komuni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

DIKJARAZZJONI 37/05

Re Artikolu 11

“Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-kontenut tal-Pjanijiet Konġunti ta’ Verifika ser jieħu kont debitu tal-partikolaritajiet ta’ kull attività tas-sajd u żona tas-sajd, b’mod partikolari fid-definizzjoni tal-kondizzjonijiet li skondthom il-mezzi ta’ kontroll u spezzjoni ta’ Stat membru jkunu jistgħu jidħlu fl-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru ieħor.”

DIKJARAZZJONI 38/05

Re Artikolu 18

“Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-kwistjoni tat-trattament tal-każijiet ta’ *force majeure* ser tiġi indirizzata fit-tfassil tal-modalitajiet.”

DIKJARAZZJONI 39/05

Re Artikolu 19

“Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li l-istruttura interna ta’ l-Aġenzija għandha tiegħu kont tal-karatteristiċi speċifiċi għar-reġjuni differenti.”

DIKJARAZZJONI 40/05

Re Artikolu 25

“Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li n-numru maqbul ta’ rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jagħmlu parti mill-Bord Ammniistrattiv ta’ l-Aġenzija Komunitarja għall-kontroll tas-sajd huwa ddeterminat b’rigward tan-natura speċifika tal-politika komuni tas-sajd u ma jikkostitwix preċedent għal aġenziji oħra fil-ġejjieni.”

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Ġermaniża, Françiża, Svediża u tar-Renju Unit

Re Artikolu 21

“Il-Ġermanja, Franza, l-Isvezja u r-Renju Unit jinnotaw għall-fini ta’ kjarifika li r-Regolament japplika l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet espliċitament għall-Aġenzija Ewropea għall-kontroll tas-sajd biss, iżda mhux għall-persunal tagħha. Għalhekk tinqala’ l-kwistjoni tat-tassazzjoni tal-persunal. Dawn l-Istati Membri jaħsbu li għandha tinstab soluzzjoni għal din il-problema li tippermetti lill-Istati Membri biex jieħdu kont tas-salarji u l-emolumenti mħallsa mill-Aġenzija meta jiddeterminaw it-taxxa nazzjonali li għandha tiġi imposta fuq dħul minn sorsi oħra u biex jintaxxaw il-pensjonijiet u l-benefiċċji simili għall-persunal esklussivament fuq il-livell nazzjonali.

F’dan ir-rigward, il-Ġermanja, Franza, l-Isvezja u r-Renju Unit ifakkru fid-dikjarazzjoni komuni li għandha tiddaħħal fil-minuti li Franza, l-Isvezja u l-Ġermanja għamlu fir-rigward ta’ l-Aġenzija Ewropea għad-difiża fl-2064 laqgħa tal-Coreper (Parti 2) fit-8 ta’ Settembru 2004 (ara nota punt “I/A” tas-7 u t-13 ta’ Settembru 2004 – dok. 11567/04 tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea). Dawn l-Istati Membri jixtiequ, f’din id-dikjarazzjoni, li jsir dibattitu ġenerali dwar l-għoti tal-privileġġi u l-immunitajiet fl-UE. Jekk il-Ġermanja llum turi l-qbil tagħha mar-Regolament, dan huwa għaliex ma tiddubitax li eżami kritiku ser isir mingħajr dewmien dwar il-kwistjoni ta’ l-għoti tal-privileġġi u l-immunitajiet.

Fil-ġejjieni, il-pożizzjoni tagħna ser tkun ibbażata wkoll fuq il-prinċipju li l-privileġġi u l-immunitajiet (b’mod partikolari l-privileġġi u d-derogi ta’ natura fiskali fir-rigward tat-tassazzjoni nazzjonali) ma jkunux iżjed mogħtija ħliet fejn ikunu assolutament meħtieġa fid-dawl ta’ l-integrazzjoni progressiva ta’ l-Istati Membri fl-UE.”

APRIL 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Proċedura bil-miktub ikkompletata fit-8 ta' April 2005 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001 li jistabbilixxi dazju definittiv ta' <i>antidumping</i> u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju stabbilit fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Ċeka, r-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija Dok. 7075/05 L-2651 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) it-12 ta' April 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Rumanija dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata Dok. 12472/04 Regolament tal-Kunsill li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward ta' ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire Dok. 5827/05 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni, il-maniġġar u r-risoluzzjoni tal-konflitti fl-Afrika u li jħassar il-Pożizzjoni Komuni 2004/85/PESK Dok. 6759/05 + COR 1 (en) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-maniġġar ta' l-iskart ta' l-industrija estrattiva u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE Dokumenti 16075/04 + COR 1 (pt) + COR 2 (pt) + COR 3 (lv) + COR 4 (sv) + COR 5 (et) + COR 6 (sk) + COR 7 (mt) + COR 8 + COR 9 (nl) + ADD 1, 6929/05	

APRIL 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2652 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) l-14 ta' April 2005 Konvenzjoni dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, u għall-Ewwel u t-Tieni Protokolli dwar l-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Dokumenti 6240/05, 6507/05, 6508/05, 6510/05, 6511/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw fl-interess tal-Komunità Ewropea l-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-dokumenti ta' l-identità tal-baħħara (Konvenzjoni Nru 185) Dok. 6686/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata Dok. 5310/05 + COR 1 Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Kotonù Dokumenti 7367/05, 7440/1/05 REV 1 L-2653 laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITTIVITÀ – Suq Intern, Industrija, Riċerka) fit-18 ta' April 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv tal-programm Fużjoni Dok. 7368/05 + REV 1 (It)	

APRIL 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri ġodda definiti għas-sostenn ta' implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) Dok. 7839/05 Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll addizzjonali għall-ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka Dokumenti 13163/04 + COR 1 (hu) + COR 2 + COR 3 + COR 4 (pl) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-addożzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fir-rigward ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji kkawżati minn aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika) (id-Dsatax-il Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16 (1), tad-Direttiva 89/391/KEE) Dokumenti 5571/05 + COR 1 (fi) + COR 2 (es) + COR 3 (pt) + REV 1 (hu) + REV 2 (lt) + REV 3 (sk) + REV 4 (sl) + REV 5 (es) + ADD 1, 7788/05 + ADD 1 L-2655 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) il-25 ta' April 2005 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar il-Konferenza ta' Eżami tas-Sena 2005 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' l-Armi	

APRIL 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Nukleari Dok. 7768/05 Adozzjoni mill-Kunsill ta' verżjoni aġġornata tal-lista komuni ta' tagħmir militari ta' l-UE, (materjal kopert mill-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-esportazzjoni ta' armamenti) Doc. 7820/05 + COR 1 + REV 1 (da) + REV 2 (el) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li testendi l-miżuri restrittivi kontra Burma/Mjanmar u li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK Dok. 7930/05 Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll addizzjonali għall-ftehim Ewropew li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka Dokumenti 13165/04 + COR 1 + COR 2 (nl) + COR 3 (pl) + COR 4 (pt) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuniżija, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka Dok. 5509/05 + COR 1 (es) + REV 1 (pl) Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi dazju definittiv ta' <i>antidumping</i> fuq l-importazzjoni tal-<i>furfuraldehyde</i> li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bħala segwitu għal reviżjoni minħabba l-iskadenza tal-miżuri attwati skond l-Artikolu 11 (2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 Dok. 7681/05	

APRIL 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika Doc. 7752/05 + REV 1 (sk) + COR 1 (fr) + COR 2 (de) + COR 3 (it) + COR 4 (lv) + COR 5 (pt) + COR 6 (sv) L-2657 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fis-26 ta' April 2005 Azzjoni Komuni tal-Kunsill li temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar Dok. 8164/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi s-sede ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali mal-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea Dok. 8151/05 + COR 1 (en) + COR 2 (en) Proċedura bil-miktub ikkompletata fit-28 ta' April 2005 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2605/2000 li jistabbilixxi dazji definittivi ta' <i>antidumping</i> fuq l-importazzjoni ta' xi miżien elettroniċi li joriġinaw, fost oħra, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Dok. 8168/05	Kontra NL